# Il-Kan. Mikiel Sammut - Pijunier b'riżq iż-żgħażagħ Karkariżi.



F'pubblikazzjonijiet bħal din li għandkom f'idejkom, fost tagħrif u kitbiet oħra, spiss tiltaqa' ma' kitba biex tfakkar nies li għamlu ġid jew ġieh lil Birkirkara b'xi mod jew ieħor. Fost dawn, fil-bidu tas-seklu li wasal biex jintemm, kien hemm raxxa ta' Kanoniċi tal-Kapitlu Elenjan li biex ngħidu hekk, kienu pijunieri tal-ħidma fost it-tfal u ż–żgħażagħ. Bla dubju li fosthom spikka b'mod indiskutibbli l-Kan. Mikiel Sammut, li għadu magħruf sal-lum fost ħafna mill-anzjani bil-laqam tal-familja tiegħu: Tal-Motros.

Twieled Birkirkara nhar is-7 ta' Diċembru 1884, iben Franġisku u Reġina mwielda Borġ.[1] Kien ordnat saċerdot fl-1909[2] meta beda jaħdem mill-ewwel fost is-subien u l-ġuvintur tar-raħal, l-aktar fil-għaqda tat-Tagħlim Nisrani, li dak iż-żmien kienet assoċjata mas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba. Kien midħla tas-Sależjani, li ma kienx ilhom li bdew il-ħidma tagħhom f'Malta fl-Oratorju Don Bosco ta' Tas-Sliema, u ammiratur tal-metodu ta' l-imsemmi qaddis għall-formazzjoni taż–żgħażagħ, l-aktar biex ibiegħdhom mit-toroq fejn setgħu jaqgħu vittmi tad-delinkwenza, waqt li jipprovdilhom ambjent għal rikreazzjoni xierqa u jingħatalhom tagħlim reliġjuż, morali u anki ċiviku.

Imħajjar minn dan, kien spiss jiffrekwenta l-Oratorju ta' Tas-Sliema, u fil-Ħdud u Festi kien jieħu bil-mixi gruppi ta' żgħażagħ biex huma wkoll jitgħallmu s-sistema. Bejnu u s-Sależjani kien hemm tant ko-operazzjoni li f'xi kitbiet tal-ħabta nsibu li Dun Mikiel seta' jitqies bħala wieħed minnhom. Għalhekk ħadem kemm felaħ biex permezz tal-finanzjamenti tan-Nutar tal-Gvern, il-Belti Mikiel Luigi Casolani u martu Giulia, jinbena l-Oratorju ta' Birkirkara fl-1910.

F'Jannar ta' l-1912 nħatar Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana u ħa l-pussess fis-6 ta' Ġunju 1913.[3] Fl-1917 kien Vigarju-Kurat tal-parroċċa billi l-Prepositura, li dak iż-żmien kien hemm magħquda magħha l-Arċipretura, kienet vakanti wara li l-Prepostu Alfons Borg kien laħaq Monsinjur. Kien ukoll wieħed mill-konkorrenti għall-Prepositura f'dik l-istess sena, iżda kien inħatar Dun Karm Zammit.[4] Din il-ħabta wkoll fil-Kolleġġjata okkupa l-kariga ta' Teologu[5] u wara ta' Penitenzier, li baqa' jżomm sa mewtu.[6] Kien ukoll membru attiv tas-Soċjetà ta' San Vinċenz.[7]

Meta bejn l-1913 u l-1916 il-Freres, li dik il-ħabta kellhom l-Oratorju f'idejhom, fetħu fih is-St. Helen's Preparatory School, Dun Mikiel kien jgħallem it-Taljan f'din l-iskola.[8] Meta mbagħad il-Freres kellhom iħallu t-tmexxija ta' l-Oratorju f'din l-aħħar sena, Dun Mikiel kien issuġġerixxa li jieħdu dan l-inkarigu s-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, li dik il-ħabta kienu qed ifittxu post fejn joqogħdu u jaħdmu. Iżda għalkemm in-Nutar Casolani kien favur l-Oratorju jkun

f'idejn ordni ta' reliġjużi biex tkun assigurata għall-quddiem it-tmexxija u l-ħidma fih, ma qabilx li jingħata lis-sorijiet.

Madankollu meta l-istess sorijiet bejn l-1917 u l-1920 ġew joqogħdu fid-dar qrib l-Oratorju, kantuniera ma' Sqaq l-Għoġla, Dun Mikiel stess kien jieħu ħsieb l-għaqda għall-bniet u tfajliet: 'Figlie di Maria', li tlaqqgħet hemm għall-ewwel darba f'Jannar 1918 u baqgħet tikber.[9]

Barra minn dawn il-ħidmiet fost iż-żgħażagħ u ħidma pastorali oħra li ma setgħetx tonqos u d-dmirijiet kapitulari tiegħu, Dun Mikiel kien jgħallem u anke Direttur fl-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja,[10] u eżaminatur tal-Latin kemm fl-eżamijiet tal-Matrikola, kif ukoll fil-korsijiet tal-Fakultà tal-Letteratura fl-Università ta' Malta.11



Huwa ħa t-tmexxija ta' l-Oratorju f'idejh għal kollox bejn l-1916 u l-1927, wara li kemm is-Sależjani li kienu bdew fih kif ukoll il-Freres ma setgħux ikomplu jmexxuh. F'April ta' l-aħħar sena msemmija, flimkien man-Nutar Casolani li kien baqa' l-propjetarju, għaddew l-Oratorju f'idejn is-Soċjetà Missjunarju ta' San Pawl, li għadha tieħu ħsiebu sal-lum.

Dun Mikiel tal-Motros miet fit-12 ta' Novembru 1927. Għall-funeral tiegħu, bħala sinjal ta' qima għall-ħidma li kien wettaq fosthom, kien akkumpanjat mis-subien ta' l-iskola primarja ta' Birkirkara akkumpanjati mill-għalliema tagħhom.12

Huwa għalhekk xieraq li dan il-Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana jibqa' mfakkar għall-ħidma assidwa tiegħu b'riżq iż-żgħażagħ fl-ewwel kwart ta' dan is-seklu. Kien għalhekk li mill-Oratorju waqt li fl-1985 konna niċċelebraw egħluq il-75 sena tat-twaqqif ta' dan il-wirt tiegħu lil Birkirkara, konna tlabna li tissemma triq għalih fl-inħawi qrib jew band'oħra f'Birkirkara - fejn minn dak iż–żmien 'l hawn issemmew toroq għal nies li l-motivazzjoni għaliha żgur li ma tissuperax lil dik ta' Dun Mikiel Sammut. Imma dak iż–żmien, u anke wara, meta erġajna tennejna t-talba tagħna, jiddispjaċina jkollna ngħidu li ma ngħatajniex widen.

**Referenzi:**


1 Arkivju Parrokkjali Birkirkara - Liber Baptizatorum (1884)
2 Arkivju Kurja Arċiveskovili - Catalogies Ordinatorum (1902-1914).
3 A.K.A. - Canonicati di Birchircara - 1908 - 1949.
4 'La Diocesi di Malta' N. 11, Apri. 1917, p. 365
5 Ibid.
6 Malta: 12.11.27 - nekroloġija
7 L'Eco di Nazareth - Ott/Diċ. 1927 p. 409
8 Historique tal-Freres tal-Kull. Stella Maris, Gżira.
9 Journal of the House tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, Ħal Balzan.
10 Malta - loc. cit.
11 University Calendar 1924-26.
12 Intervista: Mons. Carmelo Sciberras.


**Ph. Xuereb**